MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 556/2009

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Doris Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta, debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma indikata fl-Avviz, bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* tal-konvenuta Doris Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax u bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata fil-21 ta' Frar, 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru.

Illi interpellata sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Ra x-xhieda tal-Prokuratur Legali Francesca Scerri, li kkonfermat il-kontenut kollu tal-Avviz.

Ra n-nota ta’ ammissjoni da parti tal-konvenuta tat-talbiet kif dedotti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici.

Bl-ispejjes ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------